# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1263/10/1 JRM**

**Michael Buttigieg**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija, Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell wara kawża ntavolata mill-attur appellat li fiż-żmien meta ġiet intavolata l-kawża kien jokkupa l-grad ta' surġent fil-Korp tal-Pulizija. L-attur kien ġie nformat permezz ta' ittra datata 3 ta' Mejju 2001 li l-impjieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat fuq rakkomandazzjoni

tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-attur kien intavola proċeduri ġudizzjarji sabiex jimpunja din id-deċiżjoni u fis-6 ta' Settembru 2010 il-Qorti tal-Appell annullat din id-deċiżjoni u ordnat li l-attur jiġi ri-integrat fil-kariga li kellu qabel it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Sussegwentement, b'ittra tal-15 ta' Ottubru 2010 l-attur ġie nformat mis-Segretarju Permenanti Ewlieni bħala Kap tas-Servizz Pubbliku li hu u l-Kummissarju tal-Pulizija kienu ddeċidew li jerġgħu jibdew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu sabiex jiġi mġiegħel jirtira mill-korp tal-pulizija u ngħata żmien sabiex iressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu qabel ma tittieħed deċiżjoni f'dan ir-rigward. Sussegwentement, fl-1 ta' Novembru 2010 l-attur intavola Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iżomm il-proċess dixxiplinari mibdi kontra tiegħu milli jkompli, u fis-6 ta' Diċembru 2010 intavola din l-azzjoni. L-attur isostni li minħabba din id-deċiżjoni huwa qiegħed jiġi assoġġettat għat-tieni darba għal proċeduri dixxiplinari fuq l-istess fatti u quddiem l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li fl-2001 kienet iddeċidiet li huwa għandu jitkeċċa mill-korp tal-pulizija u li għaldaqstant din id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u bi ksur tal-Kostituzzjoni u l-liġi u r-regolamenti applikabbli, kif ukoll tikkostitwixxi abbuż tas-setgħat tal-konvenuti.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjonijiet tal-intimati li jkeccu lill-esponenti, jew igieghluh jirtira, mill-korp tal-pulizija u/jew li jergghu jibdew proceduri dixxiplinari kontrieh ghal dan l-iskop huma nulli, invalidi u minghajr effett billi dawn id-decizjonijiet imorru kontra l-ligi u l-Kostituzzjoni u/jew billi jikkostitwixxu abbuz tas-setghat tal-intimati in kwantu saru ghal ghanijiet mhux xierqa jew issejsu fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u/jew billi l-istess intimati naqsu li josservaw il-principji tal-gustizzja naturali fid-deliberazzjoni u d-decizjonijiet taghhom;
>
> 2. tiddikjara u tiddeciedi li f'kull kaz id-decizjonijiet tal-intimati li jergghu jibdew proceduri dixxiplinari sabiex l-esponent jerga' jitkecca, jew jigi mgieghel jirtira, mill-korp tal-pulizija, huma nulli, invalidi u minghajr effett billi b'dawn id-decizjonijiet l-intimati ser jassoggettaw lill-esponent ghal proceduri dixxiplinarji bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali;
>
> 3. konsegwentement tordna lill-intimati jirreintegraw lill-esponent fid-doveri shah tieghu bhala surgent tal-pulizija;
>
> 4. tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponent b'rizultat tal-agir illegali taghhom kif fuq inghad;
>
> 5. tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-esponent bi htija tal-intimati;
>
> 6. tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponent d-danni kollha hekk likwidati u dovuti.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni."

3. Il-Kummissarju tal-Pulizija eċċepixxa, *inter alia,* li (1) l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali sabiex twaqqaf a *priori* lill-konvenuti jew uħud minnhom milli jieħdu proċeduri dwar uffiċjali fis-servizz pubbliku meta dawn il-proċeduri jittieħdu skont l-Avviż Legali 186 tal-1999, (2) li huwa ma wettaq l-ebda ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-attur jew tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ma wettaq l-ebda abbuż ta' setgħa fil-konfront tiegħu, (3) li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta'

Settembru 2010 bl-ebda mod ma trattat il-mertu tar-raġunijiet li għalihom l-attur kien ġie mġiegħel jirtira mis-servizz, u li din is-sentenza annullat l-effett tad-deċiżjoni tat-3 ta' Mejju 2001 bil-konsegwenza li l-attur reġa' tqiegħed fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel ma ttieħdet dik id-deċiżjoni u għalhekk fil-pożizzjoni ta' persuna soġġetta għall-proċeduri biex tiġi mġiegħla tirtira mill-Korp u għalhekk ma jistax jingħad li hemm ksur tal-prinċipju *ne bis in idem* u li r-Regolament 35 tal-Avviż Legali msemmi jipprovdi s-salvagwardji neċessarji sabiex l-attur ikun jista' jiddefendi ruħu f'kull stadju tal-proċeduri, (4) li t-talbiet tal-attur biex jiġi ri-integrat fid-doveri sħaħ tiegħu bħala surġent tal-pulizija u li ma jittieħdux passi biex jiġi rtirat mill-korp huma nsostenibbli, (5) li l-attur ma sofra l-ebda danni minħabba xi aġir tiegħu u li huwa qatt ma wettaq xi aġir fil-konfront tal-attur li jirradika r-responsabbilita` għad-danni skont il-liġi.

4. Il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru eċċepew, *inter alia,* (1) li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'għandhiex kompetenza kostituzzjonali sabiex twaqqaf a *priori* lill-konvenuti jew uħud minnhom milli jieħdu proċeduri dwar uffiċjali fis-servizz pubbliku meta dawn il-proċeduri jittieħdu skont l-Avviż Legali 186 tal-1999, (2) li l-Prim Ministru m'huwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, (3) li huma ma wettqu l-ebda ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-attur jew tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew l-ebda abbuż ta' setgħa fil-konfront tiegħu, (4) li t-talba sabiex jiġu dikjarati nulli u mingħajr effett

id-deċiżjonijiet tal-konvenuti li jkeċċu lill-attur, jew iġiegħluh jirtira u/jew jerġgħu jibdew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, (5) li s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 reġgħet poġġiet lill-attur fl-istess pożizzjoni li kien fiha qabel it-3 ta' Mejju 2011 u dan ifisser li qabel l-attur jista' jingħata doveri u tiġi fdata lilu awtorita` pubblika trid tingħalaq il-vertenza dwar jekk għandux jiġi mġiegħel jirtira u li m'huwa previst imkien fil-liġi li persuna titħalla twettaq funzjonijiet fil-korp tal-pulizija anke jekk ma tkunx idoneja biex jiġu fdati lilha dik l-awtorita` pubblika u dawk id-doveri u huwa inawdit li membru ta' korp dixxiplinat iservi f'dak il-korp mingħajr ma jkunx suġġett għar-regoli tad-dixxiplina fl-istess korp, u (6) li l-attur ma sofra l-ebda danni minħabba xi aġir tiegħu u li huwa qatt ma wettaq xi aġir fil-konfront tal-attur li jirradika r-responsabbilita` għad-danni skont il-liġi.

5. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza parzjali fid-29 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom u ordnat li jitkompla s-smigħ tal-kawża.

6. Permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ottubru 2016 ġie deċiż hekk :

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u ssib li hu mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża, bi spejjeż għall-attur;

Tiċħad l-ewwel talba attriċi billi mhix mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Tiċħad it-tieni talba attriċi minħabba li hija konsegwenzjali għall-ewwel talba';

Tastjeni milli tqis aktar it-tielet talba attriċi;

Tilqa' r-raba' talba attriċi u ssib li l-attur imissu jitħallas kumpens minħabba t-tkeċċija tiegħu mis-servizz minn mal-Korp u t-tħassir ta' dik it-tkeċċija bis-saħħa tas-Sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' April, 2009 fil-kawża fl-ismijiet "Michael Buttiġieġ vs Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami u l-Kummissarju tal-Pulizija" u kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-6 ta' Settembru, 2010;

Tilqa' l-ħames talba attriċi u tillikwida l-ħlas dovut lill-attur fis-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39);

Tilqa' s-sitt talba attriċi u tordna lill-imħarrkin Segretarju Permanenti Ewlieni u l-Kummissarju tal-Pulizija jħallsu lill-attur, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma msemmija ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39), bl-imgħaxijiet legali fuq l-istess somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tordna li bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12, l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li dawk marbutin mal-ħelsien mill-osservanza tal-ġudizzju tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru jridu jitħallsu mill-attur, filwaqt li dawk marbutin mas-sentenza preliminari tad-29 ta' Settembru, 2011, jitħallsu kif imsemmi f'dik is-sentenza."

7. Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fl-4 ta' Novembru 2016 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza in parte tad-29 ta' Settembru 2011 u tirriforma s-

sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016 billi tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet ir-raba' talba attriċi u sabet li r-rikorrent imissu jitħallas kumpens, fejn laqgħet il-ħames talba attriċi u llikwidat il-ħlas dovut fl-ammont ta' €185,392.39 u fejn laqgħet is-sitt talba attriċi u kkundannat lill-appellanti *in solidum* iħallsu s-somma hekk likwidata filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

8. L-attur appellat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu flimkien ma' appell inċidentali fis-17 ta' Settembru 2018 permezz ta' liema, filwaqt li eċċepixxa preliminarjament li l-appell tal-konvenuti huwa deżert talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti, tikkonferma s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011 u tirriforma s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016 billi tirrevokaha fejn laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Prim Ministru u fejn ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u astjeniet milli tqis aktar it-tielet talba attriċi u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.

9. Il-konvenuti kollha ppreżentaw ir-risposta tagħhom għall-appell inċidentali tal-attur fis-27 ta' Settembru 2018 permezz ta' liema ssottomettew li l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur għaliex l-appell inċidentali tiegħu huwa kapriċċuż.

**Ikkonsidrat;**

**<u>L-eċċezzjoni tal-attur li l-appell tal-konvenuti huwa deżert</u>**

10. L-attur eċċepixxa preliminarjament li l-appell tal-konvenuti huwa deżert minħabba ż-żmien li għadda sakemm huwa ġie nnotifikat bl-appell tagħhom. Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata. Skont il-liġi, id-deżerzjoni tal-appell tista' sseħħ biss wara li jkunu ngħataw dawk l-ordnijiet mill-Qorti *ai termini* tat-tielet sub-artikolu tal-Artikolu 963 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara **Doris (Maria Dolores) Balzan v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku** [Appell, 27/01/2021]). F'dan il-każ ma jirriżultax li kienu ngħataw xi ordnijiet f'dak is-sens mill-Qorti, liema ordnijiet jridu jingħataw tassattivament skont il-liġi sabiex l-appellant jirregola ruħu qabel ma tista' tiġi ddikjarata d-deżerzjoni tal-appell. L-attur ġie nnotifikat qabel ma din il-Qorti tat xi provvediment sabiex l-appellanti jirregolaw ruħhom u għalhekk ma jistax jingħad li l-appell huwa deżert skont il-liġi.

11. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**L-Appell mis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011**

12. Peress li jidher li l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-rigward ta' din is-sentenza huma pjuttost konnessi, il-Qorti tqis li jkun utli li jigu indirizzati flimkien.

13. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ċaħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti. Jargumentaw illi l-ittra mibgħuta fil-15 ta' Ottubru 2010 ġiet mibgħuta skont dak li jipprovdi ir-regolament 35(1)(b) tal-Avviż Legali 186 tal-1999. Isostnu li dan ir-regolament jirregola l-proċeduri ta' dixxiplina jew ta' rtirar li jistgħu jsiru minn kap ta' dipartiment u l-fatt li f'dan il-każ il-proċeduri kienu għadhom ma waslux quddiem il-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-individwu ma jistax jadixxi l-Qorti sabiex jistultifika u jxekkel lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku milli twettaq is-setgħa fdata lilha mill-Kostituzzjoni. Jilmentaw li l-Ewwel Qorti spezzettat il-proċedura maħsuba f'dan ir-regolament billi ffukat fuq stadju partikolari mingħajr ma tat id-dovuta konsiderazzjoni għall-fatt li hekk kif skatta u beda jitħaddem dan ir-regolament il-kompetenza għaddiet f'idejn il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Isostnu li għalhekk l-ittra msemmija ma kellhiex tiġi nterpretata bħala għemil magħmul minnhom mingħajr ma jitqies li tali ittra saret skont dak li jipprovdi ir-regolament 35 li jaqa' fil-kompetenza

esklussiva tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jargumentaw li l-ilment tal-attur ma jidhirx li huwa mmirat lejn xi nuqqas ta' tħaris tar-regolament 35, u li dak li qiegħed jagħmel l-attur huwa attakk kontra l-użu ta' tali regolament u ċioe` kwistjoni li teżorbita l-kompetenza tal-Qrati. Isostnu li l-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010 ma tistax titqies waħedha u tiġi kkonsidrata daqslikieku tikkostitwixxi deċiżjoni jew diskrezzjoni fl-isfera tal-amministrazzjoni.

14. Fit-tieni aggravju mbagħad jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta osservat li l-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010 tikkostitwixxi għemil amministrattiv. Skont l-appellanti din l-ittra kienet biss tinforma lill-appellat li kien hemm talba mill-Kap tad-Dipartiment sabiex huwa jiġi rtirat mill-Korp tal-Pulizija abbażi ta' konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku. Isostnu għalhekk li ma hemm l-ebda ordni jew deċiżjoni li għaliha jirreferi l-Artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li dan huwa biss il-bidu tal-proċess maħsub. Jargumentaw li stħarriġ ġudizzjarju mhuwiex possibbli fejn il-liġi ma tkun fdat l-ebda diskrezzjoni f'idejn l-amministrazzjoni. Jargumentaw illi fl-istadju li fihom kienu waslu l-proċeduri kull ma kien sar mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa biss rapport magħmul lis-Segretarju Permanenti Ewlieni li mbagħad intbagħat lill-appellat, u ma kien hemm l-ebda deċiżjoni kif mifhuma fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-appellanti d-deċiżjoni tiġi biss fl-istadju meta l-proċeduri jilħqu dak li għalih jaħseb ir-regolament 35 (2)

tal-Avviż Legali 186 tal-1999 u mhux fl-istadju maħsub mir-regolament 35(1)(b) li ma jħalli l-ebda lok għal xi tip ta' eżerċitar ta' diskrezzjoni da parti tas-Segretarju Prinċipali Ewlieni.

15. Fit-tielet aggravju jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni għall-fatt li l-azzjoni odjerna kienet diretta fil-konfront tal-persuna li kellha tieħu d-deċiżjoni. Jargumentaw illi kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju mhijiex intiża sabiex twaqqaf persuna milli tieħu d-deċiżjoni tagħha u twettaq l-għemil li huwa fdat lilha iżda hija ntiża sabiex f'każ li l-poter fdat f'idejha jiġi eżerċitat ħażin il-Qorti tħassar tali għemil amministrattiv. Isostnu li din il-kawża saret kontra individwu li għadu ser jiddeċiedi, u li l-fatt li skatta l-proċess maħsub fir-Regolament 35 ma jiġġustifikax l-intavolar ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju kontra l-persuna li għadha ser tieħu d-deċiżjoni.

16. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-attur jirribatti li mhuwiex minnu li l-Kummissjoni hija eżenti jew meħlusa għal kollox mill-istħarriġ ġudizzjarju, u jżid li f'kull każ, fl-istadju li kienu waslu fih il-proċeduri, il-Kummissjoni ma kienet iddaħħlet imkien u kienu biss involuti l-konvenuti. Jgħid ukoll illi l-Qorti bl-ebda mod ma ntalbet biex tindaħal fl-ambitu tas-setgħat riservati tal-Kummissjoni.

17. B’referenza għat-tieni aggravju jargumenta illi t-talbiet tiegħu ma jirreferux sempliċiment għall-ittra tal-15 ta’ Ottubru 2010, li fil-fatt lanqas tissemma fit-talbiet. Jargumenta li, kif għarfet l-Ewwel Qorti, din l-ittra hija xhieda tad-deċiżjoni jew deċiżjonijiet li l-konvenuti, kollettivament jew individwalment, ħadu kontra tiegħu. Jgħid li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda dik id-deċiżjoni li ġie nformat biha permezz ta’ dik l-ittra, u dik id-deċiżjoni tal-konvenuti hija att ta’ għemil amministrattiv kif imfisser fil-liġi.

18. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> “Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni li għandha quddiemha, l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tippuntwalizża li l-azzjoni attriċi m’hijiex proċedura dwar allegat ksur ta’ drittijiet fundamentali mibdija taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u lanqas ma qiegħda tara li l-istess kawża tqanqal il-kwestjoni kostituzzjonali fid-dawl tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Tqis ukoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m’hijiex parti f’din il-kawża. Fl-aħħarnett, tqis li dak li ntalbet tistħarreġ f’din il-kawża huwa d-deċiżjoni – meħuda minn min setgħet kienet meħuda – murija fl-ittra tal-15 ta’ Ottubru, 2010, li biha l-attur kien mgħarraf li kienu qegħdin jinbdew proċeduri kontrih għat-tneħħija tiegħu permezz ta’ irtirar imġiegħel mis-servizz pubbliku;
>
> Illi meħuda fis-sura sempliċi tagħha, l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta’ kull wieħed mill-imħarrkin tidher li tqajjem dubju dwar is-setgħa li l-Qorti tqis it-talba tal-attur tal-lum għaliex tgħid li, ladarba l-proċeduri mibdija kontra l-attur ittieħdu taħt is-saħħa tar-regolament 35 tar-Regolamenti, allura b’hekk il-Qorti tkun qiegħda tistħarreġ proċedura li tmiss lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku f’qasam li l-ebda qorti ma tista’ tistħarriġha u b’mod li ma tistax twaqqafha milli twettaq is-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni. Fil-każ tal-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Permanenti, l-eċċezzjoni preliminari tagħhom iżżid tgħid li mkien ma nstema’ li persuna tista’ tiftaħ kawża kontra xi ħadd li, b’liġi, huwa mogħti s-setgħa li jieħu deċiżjoni

(dixxiplinari) dwarha, qabel ma dik is-setgħa tkun għadha lanqas bdiet titwettaq u bil-għan li żżommha milli tibda titwettaq;

Illi l-Qorti tqis li l-ittra mibgħuta lill-attur fil-15 ta' Ottubru, 2010, tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru, 2010, li, wara li ħassret id-deċiżjoni tal-imħarrkin li jneħħuh mis-servizz fil-korp, ordnat li l-attur jerġa' jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel Mejju tal-2001. Tqis ukoll li l-istess ittra nnifisha ssemmi espressament li kienet qiegħda tintbagħat għall-finijiet tar-regolament 35 tar-Regolamenti biex, b'ħarsien ta' dak li tgħid l-imsemmija sentenza, jinbeda l-proċess li kien inbeda fl-2000. Huwa minnu li r-Regolamenti nħarġu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bis-setgħat mogħtijin lilha bis-saħħa tal-artikolu 124(9) tal-Kostituzzjoni. Kif ukoll huwa minnu li b'rieda nnifisha tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 115 tagħha jżomm lill-qrati milli jeżaminaw il-qadi xieraq tal-funzjonijiet tagħhom kemm mill-Kummissjoni nnifisha u kif ukoll minn uffiċjali jew awtoritajiet delegati minnha jew fit-twettiq tax-xogħol tagħha;

Illi l-Qorti tagħraf ukoll, madankollu, li l-istess Kummissjoni m'hijiex għal kollox meħlusa mill-istħarriġ ġudizzjarju f'ċerti każijiet, kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu fi ksur ta' xi jedd fundamentali tal-bniedem, u kif ukoll "fuq livell amministrattiv" ta' stħarriġ ġudizzjarju fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dan ifisser għalhekk, li safejn l-eċċezzjoni taħt eżami trid li din il-Qorti ssib li m'għandha taħt l-ebda ċirkostanza l-ebda setgħa li tisma' din il-kawża għaliex miżmuma milli tagħmel dan mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni fuq imsemmija, din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba;

Illi r-regolament 35 tar-Regolamenti jitkellem dwar irtir(ar) fl-interess pubbliku. Jagħmel parti mit-Taqsima VII tal-imsemmija Regolamenti li jittrattaw dwar it-tneħħija mill-kariga ta' uffiċjal pubbliku u jgħodd "minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-Regolanenti". Jidher ċar li, fl-istadju li waslu fih il-proċeduri kontra l-attur – dak li nħareġ l-avviż mibgħut lill-attur biex iressaq ir-raġunijiet tiegħu miktuba għaliex m'għandhiex tintlaqa' t-talba tal-Kap tad-Dipartiment (jiġifieri, f'dan il-każ, il-Kummissarju mħarrek) – il-proċedura tolqot biss lill-imsemmi Kummissarju u lill-imħarrek Segretarju Permanenti. Il-Qorti tqis ukoll li sa dan l-istadju l-Kummissjoni ma daħlet imkien. Huwa biss jekk jingħeleb l-istadju msemmi fir-regolament 35(2) li l-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni (magħruf fl-imsemmija Regolamenti bħala "il-Kap tas-Servizz Pubbliku") huwa marbut biex jibgħat ir-rapport tiegħu lill-Kummissjoni u huwa f'dak il-waqt li l-Kummissjoni tidħol fix-xena u tista' tibda twettaq il-funzjonijiet tagħha;

Illi għall-Qorti, dan ifisser li, sa ma jintlaħaq dak l-istadju, l-kwestjoni u l-proċedimenti jkunu għadhom fil-qafas tad-deċiżjonijiet u d-diskrezzjoni tal-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permananti Ewlieni. Lanqas limħarrek Onorevoli Prim Ministru ma jkun għadu involva ruħu;

Illi l-Qorti jidhrilha li fl-istadju li jinsabu l-proċeduri kontra l-attur – miżmuma wkoll bis-saħħa tal-ordni mogħti minnha bid-degriet li laqa' t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni – ma jista' bl-ebda mod jingħad li xi stħarriġ ġudizzjarju li hija qiegħda tintalab tagħmel dwar id-deċiżjoni li jinbeda l-proċess għat-tneħħija tal-attur mis-servizz pubbliku tista' titqies li qiegħda tirfes fuq jew tindaħal fl-ambitu tas-setgħat riservati tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Għall-kuntrarju, tqis li l-istadju tal-proċeduri jinsab fl-ambitu tas-setgħat u responsabbiltajiet biss taż-żewġ imħarrkin imsemmija li, l-ebda wieħed minnhom ma wera kif jistħoqqlu l-istess immunita' mill-iskrutinju tal-Qorti li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' ssejjaħ favuriha skond il-liġi kif fuq imfisser. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-Qorti ssib li huwa tajjeb l-argument magħmul mill-għaref difensur tal-attu waqt it-trattazzjoni bil-fomm ta' din l-eċċezzjoni fis-sens li l-Qorti m'hijiex qiegħda tintalab tistħarreġ lill-Kummissjoni, iżda lill-imġiba u d-deċiżjonijiet meħudin mill-imħarrkin fil-konfront tal-patroċinat tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda dik il-parti tal-eċċezzjoni tal-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Permanenti Ewlieni li titkellem dwar iż-żamma minn qabel ma jinbeda tal-proċess dixxiplinari, l-Qorti tirrileva biss li l-proċess ma nżammx qabel ma nbeda, iżda nżamm sewwasew għaliex inbeda. L-ittra tal-15 ta' Ottubru, 2010, hija l-bidu ta' dik il-proċedura, kif jgħidu l-imsemmija Regolamenti u kif tgħid l-ittra nnifisha. Dak il-bidu, bid-deċiżjoni meħuda mill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija, huwa att ta' għemil amministrattiv għall-finijiet tat-tifsira mogħtija fl-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta;"

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

19. Mill-atti jirriżulta li fit-3 ta' Mejju 2001 l-attur, li dak iż-żmien kien Surġent tal-Pulizija, kien ġie nformat li kien qiegħed jiġi mkeċċi mill-Korp tal-Pulizija fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz

Pubbliku. L-attur kien intavola proċeduri sabiex jimpunja din id-deċiżjoni, proċeduri li ġew deċiżi favur l-attur b'mod finali mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010. F'dawk il-proċeduri r-rakkomodazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u d-deċiżjoni tal-Prim Ministru ġew dikjarati nulli u bla effett għaliex meħuda kontra d-dettami tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-istess konvenuti ġew ordnati jirreintegraw lill-attur fil-pożizzjoni li kien jinsab fiha qabel it-3 ta' Mejju 2001 u wkoll ġew dikjarati responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba l-aġir tagħhom.

20. Fil-15 ta' Ottubru 2010 l-attur irċieva ittra mingħand is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru permezz ta' liema ġie nfurmat illi l-Kummissarju tal-Pulizija "…jħoss illi għandu jiġi deċiż, illi huwa fl-interess pubbliku li inti tiġi kkunsidrat irtirat mill-korp" u l-attur ingħata ħmistax-il ġurnata tax-xogħol żmien sabiex jissottometti bil-miktub ir-raġunijiet tiegħu għalfejn din it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija ma kellhiex tiġi milqugħa. Dan l-avviż intbagħat *ai termini* tar-regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999.

21. Minn qari tar-regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999 jirriżulta li l-proċedura għall-irtirar furzat ta' uffiċċjal pubbliku fl-interess pubbliku hija maqsuma f'żewġ fażijiet distinti. Fl-ewwel fażi, il-Kap tad-Dipartiment iressaq it-talba għall-irtirar forzat tal-uffiċjal in kwistjoni lil Kap tas-Servizz

Pubbliku. Il-Kap tas-Servizz Pubbliku għandu mbagħad jitlob rapport dwar ix-xogħol u l-imġieba ta' dak l-uffiċjal mingħand kull Kap ta' Dipartiment li fih l-uffiċċjal ikun serva matul it-tnax -il sena ta' qabel jew mid-data tal-bidu tas-servizz tiegħu, skont liema tkun l-anqas. Il-Kap tas-Servizz Pubbliku għandu mbagħad jagħti lil dak l-uffiċjal l-opportunita` li jqis kull rapport u dokumentazzjoni oħra li jkunu ġew sottomessi u jagħti lill-uffiċjal l-opportunita` li juri għaliex m'għandux jiġi mġiegħel li jirtira mis-servizz. Wara li jkun qies dan kollu, jekk il-Kap tas-Servizz Pubbliku jkun tal-fehma li l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel jirtira mis-servizz, huwa għandu jibgħat id-dokumentazzjoni kollha flimkien mar-rakkomodazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, sabiex jinbdew proċeduri quddiemha.

22. Għalhekk il-Qorti tqis illi a kuntrarju ta' dak argumentat mill-konvenuti, l-Ewwel Qorti ma kinitx żbaljata meta spezzettat il-proċeduri in kwistjoni bil-mod kif għamlet. Minn qari tar-regolament imsemmi jirriżulta ċar ukoll li huwa żbaljat l-argument tal-konvenuti li fl-istadju li wasal fih dan il-każ ma hemm l-ebda eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet involuti. Jirriżulta anzi li l-Kummissarju tal-Pulizija kien qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu meta rrefera l-kwistjoni lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, għaliex ma jirriżultax illi din ir-referenza saret għaliex il-liġi teżiġi b'mod mandatorju li jsir hekk. Imbagħad, żgur li ma jistax jingħad li s-Segretarju Permanenti Ewlieni ma jeżerċita l-ebda diskrezzjoni fil-

proċeduri ai termini tar-regolament 35. Fil-fatt, skont il-paragrafu 2 ta' dan ir-Regolament is-Segretarju Permanenti Ewlieni jibgħat l-inkartament, flimkien mar-rakkomodazzjoni tiegħu, lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biss jekk ikun tal-fehma li l-uffiċjal għandu jiġi mġiegħel li jirtira. Dan ifisser illi s-Segretarju Permanenti Ewlieni għandu s-seta' u d-diskrezzjoni li jiddeċiedi li l-każ ma jmurx quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li jara d-dokumentazzjoni sottomessa lilu u s-sottomissjonijiet magħmula mill-uffiċjal.

23. Għaldaqstant dan ifisser illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li fl-istadju li kienu waslu fihom il-proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku kienet għadha m'hijiex parti mill-proċedura. Huwa evidenti li huwa żbaljat l-argument tal-konvenuti li dawn il-proċeduri jirfsu l-kompetenza esklussiva mogħtija lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-Kostituzzjoni li takkwista kompetenza esklussiva fuq il-każ hekk kif jiskattaw il-proċeduri *ai termini* tar-regolament 35. Jirriżulta li skont il-liġi mhijiex il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li tiddeċiedi jekk tismax każ ta' rtirar forzat ta' uffiċjal pubbliku jew le. Huwa s-Segretarju Permanenti Ewlieni li jiddeċiedi dan, ġaladarba skont il-liġi huwa jibgħat il-proċediment quddiem il-Kummissjoni biss jekk ikun tal-fehma li l-uffiċjal filfatt għandu jiġi mġiegħel jirtira. Jekk is-Segretarju Permanenti Ewlieni jiddeċiedi li l-każ m'għandux jiġi riferut lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-każ imut hemm,

għaliex l-Avviż Legali 186 tal-1999 lanqas biss jagħti lil Kap tad-Dipartiment konċernat il-possibilita` li b'xi mod jappella minn din id-deċiżjoni. Il-Kostituzzjoni ma tagħti lis-Segretarju Permanenti Ewlieni l-ebda immunita minn stħarriġ ġudizzjarju fid-deċiżjonijiet tiegħu, u għalhekk l-argument magħmul mill-konvenuti fl-ewwel aggravju żgur li ma jreġix.

24. Il-Qorti tqis pero` li t-tieni aggravju għandu mis-sewwa. Hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-qrati li deċiżjoni ta' awtorita` pubblika hija sindikabbli skont l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet biss jekk hija deċiżjoni aħħarija. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Hamid Rami v. Id-Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et** (PA, 07/02/2014), fejn saret is-segwenti osservazzjoni:

> "…mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha (Jupiter Co. Ltd. et vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, App 03/04/2009)."

25. F'dan il-każ huwa ċar li ma hemmx deċiżjoni finali fir-rigward tal-attur. Id-deċiżjoni mpunjata kienet biss deċiżjoni sabiex jinbdew proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tal-attur, u huwa żgur li din id-deċiżjoni ma għalqitx il-kwistjoni bejn l-attur u l-Kummissarju tal-Pulizija dwar jekk għandux jitkeċċa jew le, iżda biss bdietha. Għaldaqstant id-deċiżjoni

sabiex jibdew proċeduri kontra l-konvenut għall-irtirar sfurzat mhijiex sindikabbli. Għalhekk it-tieni aggravju hu ġustifikat.

26. Għalhekk din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-konvenuti appellant huwa fondat u qed jiġi milqugħ.

**<u>Is-Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016</u>**

27. Minn din is-sentenza tal-Ewwel Qorti tressaq ukoll appell inċidentali mill-attur. Ikkonsidrat in-natura tal-aggravji, il-Qorti tqis li jkun utli li l-ewwel jiġu ndirizzati l-ewwel żewġ aggravji mressqa fl-appell inċidentali peress illi dawn jistgħu jinċidu fuq l-aggravji dwar id-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` għad-danni u l-*quantum* tad-danni likwidat u akkordat mill-Ewwel Qorti.

**L-aggravju tal-attur dwar il-leġittimu kontradittur**

28. Permezz ta' dan l-aggravju l-attur jilmenta dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-Prim Ministru kienu għadu mhux involut fil-proċeduri kontra l-attur. Jargumenta li l-Prim Ministru bilfors kien ta l-kunsens tiegħu biex jinbdew proċedura kontra l-attur, u dan minkejja li kellu ordni ċara mill-Qorti tal-Appell biex ipoġġih fl-istess grad u kapaċita` li kellu fil-korp

tal-Pulizija qabel ma nħarġet l-ittra tat-3 ta' Mejju 2001. Isostni li dan l-ordni ma ġiex obdut mill-Prim Ministru, li ma esegwix is-sentenza tal-Qorti tal-Appell għaliex kien jaf u qabel mal-konvenuti l-oħra fid-deċiżjoni li jerġgħu jibdew il-proċeduri għat-tkeċċija tiegħu.

29. Il-konvenuti jargumentaw illi l-kwistjoni tar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern tinsab irregolata bl-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li tapplika mingħajr distinzjoni kemm għall-proċeduri ordinarji kif ukoll għal dawk ta' natura kostituzzjonali. Jargumentaw illi fl-istadju li kienu waslu fihom il-proċeduri dixxiplinari qabel ma ġew imwaqqfa bil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma kienx għadu ġie nvolut il-Prim Ministru u dan *stante* li skont l-Avviż Legali 186 tal-1999 il-Prim Ministru jiġi nvolut fi stadju aktar avvanzat tal-proċeduri dixxiplinari, u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta meta laqgħet din l-eċċezzjoni tagħhom.

30. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tibda billi tqis it-tieni eċċezzjoni preliminari li biha l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru jgħid li ma messux tħarrek f'din il-kawża għaliex mhux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;
>
> Illi l-imsemmi mħarrek jgħid li l-qagħda ta' min imissu jkun imħarrek hija regolata bl-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u, ladarba l-attur ħarrek lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ma kienx hemm għalfejn iħarrek lilu wkoll;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni. Jingħad biss li, waqt li kienet qiegħda ssir it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm quddiem il-Qorti, kien l-avukat difensur tal-attur li aċċenna għal din l-eċċezzjoni. Huwa qal li l-Prim Ministru bilfors huwa mħarrek sewwa f'din il-kawża, għaliex fis-Sentenza l-għemil tal-Prim Ministru kien mistħarreġ u ċensurat;

Illi l-Qorti trid tqis x'għemil amministrattiv qiegħed jilminta minnu l-attur f'din il-kawża. Mhijiex mitluba li tistħarreġ mill-ġdid il-proċeduri li ngħalqu bis-Sentenza, għalkemm jidher li ser ikun meħtieġ li tkejjel l-argumenti tal-partijiet f'din il-kawża billi tara x'ingħad tassew f'dik is-sentenza. F'din il-kawża, l-attur jilminta li l-ittra mibgħuta lilu fil-15 ta' Ottubru, 2010, tiftaħ it-triq biex jerġa' jingħadda mill-istess proċediment li diġa' għadda minnu u dan bi ksur tar-regola li ħadd ma jmissu jgħaddi minn proċess darbtejn fuq l-istess ħaġa;

Illi l-ittra tirreferi għas-Sentenza li, wara li ħassret id-deċiżjoni tal-imħarrkin li jneħħuh mis-servizz fil-korp, ordnat li l-attur jerġa' jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien qabel it-3 ta' Mejju tal-2001 (meta kien imneħħi mill-kariga tiegħu). Il-Qorti tqis li l-istess ittra ssemmi espressament li kienet qiegħda tintbagħat għall-finijiet tar-regolament 35 tar-Regolamenti biex, b'ħarsien ta' dak li tgħid l-imsemmija sentenza, jinbeda l-proċess li kien inbeda fl-2000. L-ittra ntbagħtet mill-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni;

Illi r-regolament 35 tar-Regolamenti jitkellem dwar irtir(ar) fl-interess pubbliku. Jagħmel parti mit-Taqsima VII tal-imsemmija Regolamenti li jittrattaw dwar it-tneħħija mill-kariga ta' uffiċjal pubbliku u jgħodd "minkejja dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-Regolamenti". Jidher ċar li, fl-istadju li waslu fih il-proċeduri kontra l-attur – dak li nħareġ l-avviż mibgħut lill-attur biex iressaq ir-raġunijiet tiegħu miktuba għaliex m'għandhiex tintlaqa' t-talba tal-Kap tad-Dipartiment (jiġifieri, f'dan il-każ, il-Kummissarju mħarrek) – il-proċedura tolqot biss lill-imsemmi Kummissarju u lill-imħarrek Segretarju Permanenti. Huwa biss jekk jingħeleb l-istadju msemmi fir-regolament 35(2) li l-imħarrek Segretarju Permanenti Ewlieni (magħruf fl-imsemmija Regolamenti bħala "il-Kap tas-Servizz Pubbliku") huwa marbut biex jibgħat ir-rapport tiegħu lill-KSP u huwa f'dak il-waqt li l-KSP tidħol fix-xena u tista' tibda twettaq il-funzjonijiet tagħha. Għall-Qorti, dan ifisser li, sa ma jintlaħaq dak l-istadju, il-kwestjoni u l-proċedimenti jkunu għadhom fil-qafas tad-deċiżjonijiet u d-diskrezzjoni tal-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u Segretarju Permananti Ewlieni. Lanqas l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ma jkun għadu involva ruħu;

> Illi ladarba dan huwa hekk, joħroġ li l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u l-Onorevoli Prim Ministru tħarrek għalxejn. Il-fatt li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' Inibizzjoni saret (u ntlaqgħet) ukoll kontrih ma tilleġittimahx passivament fl-azzjoni li saret mill-attur, jekk ma jkunx hemm raġunijiet tajbin biex jirrenduh il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni;
>
> Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni preliminari sejra tintlaqa' u l-imħarrek Onorevoli Prim Ministru ser jinħeles milli jibqa' fil-kawża;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

31. Il-Qorti tqis illi dan l-aggravju għandu mis-sewwa, almenu in parti. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li fl-istadju li kienu jinsabu fihom il-proċeduri, il-Prim Ministru kien għadu mhux involut u għalhekk it-talbiet f'dan is-sens ma jistgħux jiġu ndirizzati lejh.

32. Il-Qorti tosserva pero` li jidher illi l-attur għamel ukoll talbiet konnessi mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru 2010. Fil-fatt, fir-raba' premessa tiegħu l-attur jgħid "Illi madanakollu [b'referenza għas-sentenza msemmija] l-intimati Prim Ministru u Kummissarju tal-Pulizija naqsu li jesegwixxu din is-sentenza, u sallum, baqgħu ma assenjawx lill-esponenti d-doveri tiegħu fil-kariga ta' surġent" filwaqt li fil-ħames talba tiegħu huwa jitlob lill-Qorti sabiex "tillikwida d-danni kollha hekk sofferi mill-esponent bi ħtija tal-intimati." L-Ewwel Qorti nterpretat il-premessi u t-talbiet tal-attur fis-sens illi jinkludu wkoll talba għall-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu li għalihom ġew dikjarati

responsabbli l-konvenuti fil-kawża deċiża fis-6 ta' Settembru 2010. F'dik il-kawża l-konvenuti kienu l-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija. Għalhekk, kwalunkwe danni akkordati f'din il-kawża li huma bbażati fuq id-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru 2010 għandhom neċessarjament jitħallsu mill-Prim Ministru u mill-Kummissarju tal-Pulizija, peress li huma l-konvenuti li ġew dikjarati responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba t-tkeċċija tiegħu f'Mejju 2001.

33. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ limitatament safejn jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' danni bbażata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Settembru 2010.

**L-aggravju tal-attur dwar il-mertu**

34. L-attur jilmenta dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 tagħmel stat ta' fatt anke fil-konfront tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku minkejja li din ma kinitx parti f'dawk il-proċeduri. Jargumenta li l-Kummissjoni ma kienet involuta xejn fil-proċeduri tal-ewwel kawża li għamel u għalhekk legalment is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 ma tagħmilx stat fir-rigward tal-Kummissjoni, u għaldaqstant m'hemm l-ebda ġudikat kontra l-Kummissjoni li jobbligaha ma tqisx dak li kienet diġa` semgħet u għamlet kontra tiegħu.  Isostni li

dak li għamlet il-Kummissjoni minn wara dahru ma ġiex mistħarreġ u teknikament għadu jeżisti. Jargumenta li bid-deċiżjoni tal-konvenuti, kif toħroġ mill-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010, il-konvenuti qed jerġgħu jipprovaw jibdew il-proċess dixxiplinarju kontra tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq l-istess fatti, bil-għan ċar u ġa deċiż li huwa jerġa' jitkeċċa mill-korp. Jgħidu li l-Kummissjoni diġa` semgħet il-każ tal-konvenuti kontra tiegħu u dak kollu li ġara legalment qatt ma tħassar fil-konfront tal-Kummissjoni. Jargumenta li inoltre, anke qabel ma ħarġet din l-ittra ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni kienet diġa` ġiet involuta minn wara dahru għaliex il-Kummissarju John Rizzo tkellem mal-Kummissjoni, ma' Dr. Grima u mal-Avukat Ġenerali qabel ma reġa' beda l-proċess, u dan l-aġir fih innifsu jikkostitwixxi abbuż ta' poter għaliex il-konvenuti marru kontra l-kliem u l-ħsieb ċar tas-sentenza.

35. Jargumenta wkoll li għalkemm l-ewwel proċeduri kienu bbażati fuq l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, it-tieni proċeduri kienu bbażati duq ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-attur jgħid li skont dawn ir-regolament, proċeduri għandhom jiġu inizjati fi żmien ħamest ijiem mill-ksur ta' dixxiplina jew imġieba ħażina u l-uffiċjal għandu jingħata opportunita` sħiħa li jiddefendi ruħu. Jgħid li inoltre l-Kap tad-Dipartiment, f'dan il-każ il-Kummissarju, irid jieħu passi fi żmien tletin jum tax-xogħol, u fin-nuqqas l-uffiċjal għandu jirċievi s-salarju sħiħ anke jekk ikun ġie sospiż. Isostni li l-ebda waħda

minn dawn il-kondizzjonijiet u termini ma ġew osservati, u l-konvenuti ma jistgħux jissanaw il-pożizzjoni tagħhom ħlief billi jagħmlu tajjeb miegħu għad-danni kollha li kkaġunawlu bi ħtijiet tagħhom kif ġa ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-ewwel kawża.

36. Il-konvenuti jirribattu li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-annullament tal-proċeduri mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru 2010 ġab miegħu bħala effett konsegwenzjali li dawn il-proċeduri qatt ma saru. Isostnu li ġaladarba s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 annullat il-proċess kollu permezz ta' liema l-attur kien ġie mġiegħel jirtira fl-interess pubbliku, dan ifisser li huwa reġa' tqiegħed fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel inbeda l-proċess, u ċioe` ta' persuna suġġetta għall-proċeduri biex tiġi mġiegħla tirtira mill-Korp fl-interess pubbliku, u għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ma sabet l-ebda ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* bit-teħid ta' proċeduri skont ir-Regolament 35 tal-Avviż Legali 186 tal-1999. Iżidu li din is-sentenza ma ddeċiditx il-mertu tal-kwistjoni u għalhekk qatt ma jista' jingħad li kien hemm xi proċedura u wisq anqas xi deċiżjoni dwar il-kwistjoni kontra l-attur.

37. Fir-rigward tal-argument magħmul mill-appellant dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni *ai termini* tal-Avviż Legali 186 tal-1999 jargumentaw illi dan l-argument kellu jsir fir-risposta jew fis-

sottomissjonijiet li l-attur ingħata l-opportunita` li jagħmel qabel ma l-proċess kollu ġie mwaqqaf bl-ordni maħruġa fil-mandat ta' inibizzjoni. Isostnu li dan l-argument jeżorbita dak li għandha quddiemha din il-Qorti, u ċioe` azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u dan kif fl-aħħar mill-aħħar osservat l-Ewwel Qorti li żammet riservati tali aspetti ta' termini u jeddijiet imħarsin bir-regolamenti, u ppreċiżat li tali kwistjonijiet jaqgħu lil hinn minn dak li din is-sentenza ntalbet tipprovdi dwaru f'din il-kawża.

38. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq din il-kwistjoni:

> "Illi dwar il-mertu tal-azzjoni attriċi l-kwestjoni ewlenija bejn il-partijiet iddur fuq x'kienet il-qagħda legali li nħalqet b'effett tas-Sentenza;
>
> Illi għall-attur, ladarba dik il-Qorti sabet li l-proċess dixxiplinari mniedi kontrih kien vizzjat u bla siwi, l-avviż tat-tnedija tal-proċess li sarlu bl-ittra tal-imħarrek Segretarju Permanenti tal-15 ta' Ottubru, 2010, kien jikkostitwixxi t-teħid mill-ġdid tal-istess proċediment, bi ħsara għall-jedd tiegħu li ma jkunx assoġġettat għall-istess proċess fuq l-istess xiljiet li kienu sarulu qabel. Għall-imħarrkin, il-qagħda mhijiex hekk: għalihom, is-Sentenza ħassret il-proċedimenti dixxiplinari kollha li kienu saru kontra l-attur, u reġġgħet il-qagħda lura għaż-żmien qabel ma nbdew dawk il-proċedimenti;
>
> Illi l-attur jisħaq li ladarba l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li huwa kien fetaħ f'Ottubru tal-2001, is-Sentenza ma tista' qatt titfisser li iddeċidiet dwar dak li sar quddiem dik il-Kummissjoni. Huwa jżid jargumenta li s-Sentenza ma ħassritx il-proċedimenti li saru mill-KSP, imma biss id-deċiżjoni tal-imħarrek Onorevoli Prim Ministru u l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija li joqogħdu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP. Fi kliem ieħor, l-attur jgħid li l-proċess imniedi quddiem il-KSP dwar il-każ tiegħu baqa' bla mittiefes u li d-deċiżjoni (fil-parti dispożittiva tas-Sentenza) li huwa jerġa' jitqiegħed fil-qagħda li kien qabel it-3 ta' Mejju, 2001, kienet tfisser biss li kollox kien intemm bħallikieku l-attur ma kienx instab ħati;

Illi l-Qorti tagħraf li l-KSP ma kinitx parti fil-kawża li l-attur fetaħ f'Ottubru tal-2001 u tqis ukoll li r-regola hi li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, l-attur jorbot it-talbiet tiegħu ma' dak li tipprovdi s-Sentenza. Is-Sentenza trid titqies kollha kemm hi u mhux biss il-parti dispożittiva tagħha, u l-parti dispożittiva ta' sentenza tinftiehem mill-konsiderazzjonijiet li jsiru matulha;

Illi qari kemm tas-Sentenza u kif ukoll tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel grad juri li għalkemm il-KSP ma kinitx parti fil-kawża, kien il-proċediment li tmexxa quddiemha li sejjes il-fehma taż-żewġ gradi talQorti biex waslu li jilqgħu t-talbiet tal-attur. Kien dak il-proċediment kollu li tqies li sar u tmexxa bi ksur tar-regoli u prinċipji tal-ġustizzja naturali. Kien dak in-nuqqas radikali li ġab ma tiswiex ir-rakkomandazzjoni li saret lill-imħarrek Onorevoli Prim Ministru, li mbagħad mexa fuqha u aċċettaha. Dan qalitu kemm il-Qorti tal-ewwel grad (fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 2009) u kif ukoll is-Sentenza li ikkonfermatha f'dan ir-rigward (għalkemm mhux għall-istess raġunijiet). B'mod partikolari u biex ma ttawwalx bla bżonn, din il-Qorti tirreferi għal dik il-parti tas-Sentenza li tittratta t-tielet aggravju tal-appellanti (l-imħarrkin tal-lum), ir-raba' aggravju tagħhom u xejn anqas is-sitt aggravju;

Illi s-Sentenza tagħmilha ċara li r-rakkomandazzjoni tal-KSP (li l-attur jitkeċċa mis-servizz) kienet illegali u mingħajr effett u għalhekk il-Prim Ministru ma setax joqgħod fuqha u jibgħat l-ittra tat-3 ta' Mejju, 2001, lill-attur. Is-Sentenza tgħid ukoll li dak li huwa illegali ma jħalli l-ebda effett, u għaldaqstant kollox kellu jitqigħed fil-qagħda li kien qabel intbagħtet dik l-ittra. Is-Sentenza ma toqgħodx biss fuq ir-rakkomandazzjoni tal-KSP, imma fuq il-proċediment kollu li sar quddiem l-istess Kummissjoni sakemm waslet biex tagħmel dik ir-rakkomandazzjoni. Fil-fehma talQorti, kien il-proċediment kollu safejn sar bi ksur tal-liġi li s-Sentenza sabet li wassal biex ir-rakkomandazzjoni tkun mingħajr effett. Fi kliem ieħor, is-Sentenza ma ħassritx biss ir-rakkomandazzjoni tal-KSP, imma l-proċediment kollu kemm hu li nżamm minnha. U ladarba dak il-proċediment sar ħażin, ġab miegħu il-konsegwenza li kemm ir-rakkomandazzjoni tal-imħarrek Prim Ministru u kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissarju mħarrek kienu ttebbgħu bin-nuqqas ta' siwi ta' dak il-proċediment;

Illi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv huwa mgħallem li "by quashing the court declares that some purported decision or determination is irregular or futile and therefore of no effect in law. The result is to establish that no one need take heed of it.

The question at issue has not been lawfully determined, and the responsible authority must start again and determine it properly. The difference from a declaratory judgment is that quashing positively invalidates the offending decision or act, whereas a declaration of invalidity merely leaves it exposed to other remedies if required";

Illi dan ifisser li jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss. Hawnhekk, il-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin dwar kif imissha tkun mifhuma s-Sentenza u l-effetti tagħha;

Illi din il-Qorti tqis li s-Sentenza (kif għamlet l-ewwel qorti qabilha fis-sentenza tagħha) ħassret ('quashed') sewwasew kulma sar bi ksur tal-liġi mill-KSP u mhux biss l-għemil li sar wara dak il-proċediment minnaħa tal-Kummissarju u tal-Prim Ministru;

Illi l-Qorti tagħraf li l-proċedimenti li l-attur jinsab avżat li sejrin jitnedew kontrih huma ta' natura dixxiplinari u għalhekk jixbhu proċeduri penali. Fil-każ tal-attur, jidher li dan huwa aktar il-każ minħabba li mix-xhieda li ngħatat in-nuqqasijiet li l-attur huwa mixli bihom kienu ta' sura tali li jikkostitwixxu mġiba li tista' tiġbed fuqha sanzjonijiet penali. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx għal kollox mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-imħarrkin. Tagħraf, iżda, li r-Regolamenti jagħrfu bejn proċeduri dixxiplinari ta' uffiċjali pubbliċi li jwasslu għat-tkeċċija u dawk li jwasslu għall-irtirar mis-servizz pubbliku;

Illi hawnhekk tqum il-kwestjoni tal-ksur tal-prinċipju tan-"ne bis in idem" li l-attur jisħaq fuqu biex jingħata raġun fl-ilment tiegħu. It-tħaddim tal-prinċipju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti deċiżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors tkun waħda li fiha l-parti mixlija tkun instabet ħatja) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess fatt warajha. Huwa stabbilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi prinċipju mhuwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn dwar listess fatti, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess wieħed dwar dawk il-fatti, u għalhekk, il-prinċipju jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak il-prinċipju jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess fatti;

Illi l-Qorti tqis għalhekk li jekk kemm-il darba s-Sentenza ħassret u invalidat il-proċediment kollu li sar quddiem il-KSP u wkoll ir-

> rakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni fil-każ tal-attur, ma jistax jingħad li t-tnedija tal-proċediment quddiem il-KSP sejra ttenni l-proċess jew tissoġġetta lill-attur għall-preġudizzju li jrid iwieġeb għall-istess xiljiet fi proċess ripetut. It-tħassir bis-saħħa tas-Sentenza tal-proċediment li sar qabel iġib in-nuqqas kemm tal-"bis" u kif ukoll tal-"idem", għaliex ma jistax ikun hemm ripetizzjoni ta' xiħaġa li ma tiswiex jew ta' xiħaġa li qisha ma ġratx;
>
> Illi dan kollu jingħad bla ebda ħsara għall-aspetti ta' termini u jeddijiet imħarsin mir-Regolamenti dwar kull proċediment li jista' jinbeda jew jitkompla fir-rigward tal-attur, lil hinn minn dak li din is-sentenza intalbet tipprovdi dwaru f'din il-kawża. Il-Qorti tifhem ukoll li, għalkemm il-proċediment jista' jkun li sejjer jitkompla quddiem il-KSP, din ma tkunx magħmula jew komposta mill-istess nies li kienu waslu biex jagħmlu r-rakkomandazzjoni oriġinali għat-tneħħija tal-attur mis-servizz mal-Korp;
>
> Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u mhix sejra tilqagħha;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

39. Il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-osservazzjoni tagħha li l-konsegwenza tat-tħassir tar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija li legalment dawk il-proċeduri qatt ma saru. Il-Qorti ma taqbilx mal-attur li s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2010 ma tagħmilx stat ta' fatt fil-konfront tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għaliex ma kinitx parti minnha. Kif ġie korrettament osservat mill-Ewwel Qorti, f'dik is-sentenza jingħad ċar li r-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni ma tiswiex għaliex il-proċedura addottata minnha li waslet għal dik ir-rakkomandazzjoni saret ħażin. Skont id-dritt amministrattiv għalhekk dik il-proċedura trid terġa'

tibda mill-bidu, daqslikieku qatt ma kienet saret. Fil-fatt, hekk jidher li qiegħed isir, tant li l-irtirar forzat tal-attur qiegħed jiġi issa mfittex fuq bażi legali kompletament differenti. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li ġaladarba l-proċess li sar fl-2001 ġie mħassar mill-Qorti ma jistax jingħad li hemm ripetizzjoni tiegħu, għaliex ħaġa li qatt ma saret jew qatt ma ġrat ma tistax tiġi ripetuta.

40. B'żieda ma' dan il-Qorti tirrileva li fil-proċeduri deċiżi mill-Qorti tal-Appell fl-2010 il-Qorti ma ssindikatx il-mertu tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iżda kkonsidrat biss il-validita` tal-proċedura adoperata minnha fit-tkeċċija tal-attur. Għalhekk lanqas jista' jingħad li hemm sentenza *res judicata* li ddeċidiet dwar il-mertu tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tal-attur. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan kollu jfisser li m'hemm l-ebda ostakolu legali li jxekkel lill-konvenuti milli jiftħu proċeduri ta' dixxiplina oħra kontra l-attur.

41. Fir-rigward tal-argument tal-attur dwar il-preskrizzjoni, il-Qorti tosserva illi minn qari tar-rikors promotur ma jidhirx li din il-kawża qatt xi darba kienet imsejsa fuq xi kwistjoni ta' preskrizzjoni jew termini legali. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma kkonsidratx dan l-argument tal-attur, għalkemm iddikjarat li dan l-aspett qiegħed jitħalla mpreġudikat mis-sentenza tagħha. Ġaladarba l-attur ma talabx li l-Qorti tipprovdi dwar l-allegat nuqqas ta' rispett tat-termini mposti mil-liġi, u

lanqas ma talab xi korrezzjoni fl-att promotur sabiex dan l-allegat nuqqas jiġi miżjud bħala bażi għat-talbiet tiegħu, il-Qorti tqis li dan l-argument ma jistax jiġi kkonsidrat, u wisq anqas milqugħ.

42. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa nfondat u qed jiġi miċħud.

**L-aggravju tal-konvenuti dwar ir-responsabbilta` għall-ħlas tad-danni**

43. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenuti jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ddikjarat li l-appellanti huma responsabbli għall-ħlas tad-danni reklamati mill-attur. Jargumentaw illi din il-kawża hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux azzjoni delittwali, u għalhekk għall-ksib ta' responsabbilta` għad-danni l-awtorita` pubblika trid tkun neċessarjament instabet li wettqet għemil amministrattiv kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda għemil amministrattiv li ġie ċċensurat permezz tal-istess sentenza, tant illi t-talbiet attriċi għat-tħassir tal-għemil amministrattiv impunjat ġew miċħuda. Isostnu li għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet tgħaddi qatt biex tagħti rimedju ta' danni naxxenti minn għemil amministrattiv ġaladarba nstab li l-għemil kien korrett, li

jfisser ukoll li żgur l-element ta' malafede jew ta' mġieba raġonevoli meħtieġ għall-kundanna għad-danni huwa karenti. Jargumentaw li l-kawża attriċi hija ċarament mibnija u marbuta mal-għemil amministrattiv li l-attur qiegħed jikkontesta f'din il-kawża, u ċioe` d-deċiżjoni li ġie nformat biha permezz tal-ittra tal-15 ta' Ottubru 2010.

44. L-attur jirribatti illi l-appellanti kienu diġa` nstabu responsabbli għad-danni bl-ewwel deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' April 2009 li kienet ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Settembru 2010. Jargumenta li bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim Ministru li ma joqogħdux għas-sentenza msemmija u minflok jerġgħu jibdew proċeduri għat-tkeċċija tiegħu huma komplew jaggravaw id-danni li kienu diġa` kkaġonawlu, u dan oltre l-fatt li baqgħu ma kkompensawhx għad-danni li kien ġarrab sa dakinhar tas-sentenza u saħansitra ħallewh barra mix-xogħol. Jgħid li l-Ewwel Qorti osservat korrettement li fl-avviż tal-15 ta' Ottubru 2010 is-Segretarju Permanenti Ewlieni rrikonoxxa li l-attur kien għadu membri tal-Korp tal-Pulizija u li għalhekk l-impjieg tiegħu fil-Korp ma kienx intemm f'Mejju 2001.

45. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "Illi dwar it-talbiet l-oħrajn tal-attur jingħad li jekk, imqar bis-saħħa tas-Sentenza, l-attur reġa' tqiegħed fil-qagħda li kien sa dakinhar, mela l-konsegwenza ta' dan hi li huwa kien jistħoqqlu

jingħata dak li, sa dak iż-żmien kien ġie mċaħħad minnu ladarba tqies li kien baqa’ fis-servizz;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li ladarba l-azzjoni tal-attur hija waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, biex l-attur iseħħlu jippretendi l-ħlas tad-danni, irid juri li jeżistu l-elementi speċifiċi maħsuba fl-artikolu 469A(5) tal-istess Kodiċi;

Illi l-Qorti tirrileva li l-kumpens li l-attur qiegħed jippretendi taħt dan il-kap huma l-ħlasijiet li ma ngħatax b’seħħ mit-3 ta’ Mejju, 2001. Dwar dan, l-attur ressaq ukoll provi, flimkien ma’ prospett uffiċjali ta’ x’kien ikun id-dħul tiegħu fil-Korp li kieku ma kienx intbagħtlu l-avviż fit-3 ta’ Mejju, 2001;”

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

46. Il-Qorti tibda billi tirrileva li minn qari tas-sentenza appellata huwa ċar li d-danni likwidati mill-Ewwel Qorti mhuwiex konsegwenti għad-deċiżjoni tal-konvenuti mħabbra lill-attur permezz tal-ittra tal-15 ta’ Ottubru 2010. L-Ewwel Qorti spjegat b’mod ċar li d-danni li qed jiġu akkordati permezz tas-sentenza tagħha huma dawk konsegwenti għad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` għad-danni magħmula fis-sentenza tas-6 ta’ Ottubru 2010.

47. Il-konvenuti jargumentaw ukoll illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex takkorda danni konsegwenti għad-dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` magħmula fis-6 ta’ Ottubru 2010 għaliex din il-kawża hija limitata għad-deċiżjoni meħuda minnhom li tirriżulta mill-ittra tal-15 ta’ Ottubru 2010. Il-Qorti tosserva pero` illi l-Ewwel Qorti bbażat din id-deċiżjoni tagħha fuq

il-fatt li l-attur premetta li l-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija naqsu milli jesegwixxu s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti ta' din il-premessa li wasslitha sabiex tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'effett mit-3 ta' Mejju 2001 hija waħda raġonevoli. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati dejjem issottolineat l-importanza tal-ekonomija tal-ġudizzju u li kemm jista' jkun m'għandux jingħata lok li jkun hemm multipliċita` ta' kawżi, li huwa ta' detriment kemm għall-partijiet minħabba l-ispejjeż żejda li dawn b'hekk jinkorru, u għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja minħabba ż-żieda nġustifikata fil-kawżi li jridu jiġu mismugħa u deċiżi mill-Qorti.

48. Fil-fehma ta' din il-Qorti kien ikun ferm aħjar kieku d-danni sofferti mill-attur ġew likwidati fl-ewwel kawża ntavolata minnu. Pero` jekk f'dik il-kawża saret biss dikjarazzjoni ta' responsabbilita` għad-danni, huwa ġust u neċessarju li d-danni jiġu likwidati u akkordati fi proċeduri ulterjuri ġaladarba l-konvenuti għażlu li ma jersqux għal-likwidazzjoni tad-danni minkejja d-dikjarazzjoni ċara li saret mill-Qorti u njoraw l-ordni mogħti lilhom li jirreintegraw lill-attur fil-pożizzjoni li kien fiha qabel it-3 ta' Mejju 2001. Ġaladarba dik id-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` għad-danni saret ukoll fil-kuntest ta' proċeduri ntavolati *ai termini* tal-Artikolu 469A din il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu li l-likwidazzjoni ssir f'dawn il-proċeduri li, bħala proċeduri rradikati wkoll fuq l-istess artikoli, neċessarjament isegwu l-istess regoli u prinċipji proċedurali.

49. Fir-rigward imbagħad tal-argument tal-konvenuti dwar preskrizzjoni l-Qorti tirrileva illi l-ebda eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma ġiet mogħtija minnhom f'xi stadju tal-proċeduri u għalhekk dan m'huwiex argument li din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tiegħu.

50. Dak li din il-Qorti ma taqbilx miegħu biss hija l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li s-Segretarju Permanenti Ewlieni huwa responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-danni. Ġaladarba l-likwidazzjoni tad-danni saret abbażi tal-kawża deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010 u d-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` fiha kontenuta, fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jsegwi li l-uniċi konvenuti li għandhom jiġu kkundannati jagħmlu l-ħlasijiet relattivi huma l-konvenuti li kienu konvenuti wkoll f'dik il-kawża, u ċioe` l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru. Is-Segretarju Permanenti Ewlieni ma kienx parti minn dawk il-proċeduri u għalhekk kwalunkwe dikjarazzjoni ta' responsabbilta` għad-danni magħmula fihom ma torbotx lilu.

51. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud, ħlief fir-rigward tas-Segretarju Permanenti Ewlieni u għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti.

**L-aggravju dwar il-likwidazzjoni tad-danni**

52. Il-konvenuti jsostnu li l-*quantum* tad-danni stabbilit mill-Ewwel Qorti huwa eċċessiv. Jargumentaw illi a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, huma kkontestaw l-ammont pretiż fis-sottomissjonijiet tagħhom iżda din is-sottomissjoni ġiet skartata mill-Ewwel Qorti. Jgħidu li l-ammont likwidat huwa eċċessiv u eżorbitanti għaliex l-Ewwel Qorti wżat l-istess kalkoli li jiġu wżati f'kawżi ordinarji ċivili meta l-kawża li kellha quddiemha hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux kawża delittwali, u jsostnu li dan huwa nġust. Jgħidu li l-Ewwel Qorti ma tatx id-dovuta konsiderazzjoni għall-fatt li matul il-perjodu li għalih l-attur ingħata danni, huwa ma kien bl-ebda mod imfixkel minn xi opportunita` sabiex jaħdem, tant illi l-attur jiġġestixxi ħanut mil-liema għandu ntrojtu li huwa pperċepixxa fuq il-medda ta' tnax-il sena li għalihom ingħata kumpens mill-Ewwel Qorti. Jgħidu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tillikwida ammont li jmur lura għal tnax-il sena stante li tali ammont huwa milqut bil-preskrizzjoni u l-appellat ma pproduċa l-ebda prova li huwa żamm ħaj id-dritt tiegħu sabiex jitħallas id-danni li ġew likwidati mill-Ewwel Qorti. Jgħidu li l-kalkolu tad-danni ma jipprovdi għall-ebda libertinaġġ ta' kalkoli għaliex il-miżura għandha dejjem tkun dik tal-veru re-integrazzjoni tal-patrimonju tad-danneġġjat. Jargumentaw ukoll illi l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies tal-fatt li l-attur kien talab li jerġa' jidħol fil-Korp tal-Pulizija permezz ta' ittra tat-3 ta' Diċembru 2010 u dan minkejja li s-sentenza tal-

Qorti tal-Appell kienet ingħatat fis-6 ta' Settembru 2010 u l-ittra mis-Segretarju Permanenti Ewlieni kienet intbagħtet fil-15 ta' Ottubru 2010.

53. L-attur isostni li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat għaliex huwa ressaq provi preċiżi fir-rigward tad-danni sofferti minnu u dawn il-provi ma ġewx kontestati mill-atturi. Jgħid illi b'riżultat tal-abbużi u l-irregolaritajiet tal-konvenuti sal-2018 huwa kien diġa` tilef sbatax-il sena paga u wkoll karriera fil-Korp fejn kellu potenzjal qawwi li jsir Spettur u jibqa' miexi fil-Korp. Iżid illi s-sentenza appellata ma ħadet l-ebda kont tat-telfien tal-opportunita` li jkompli jistudja u javvanza fil-Korp u li għalhekk l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti mhux biss għandu jiġi konfermat, iżda anzi għandu jiġi miżjud b'mod li jieħu kont tas-snin li reġgħu għaddew bla rimedju, kif ukoll it-telf taż-żidiet minħabba promozzjonijiet.

54. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:-

> "Illi l-Qorti tqis li l-imsemmija ċifri ma kinux kontestati mill-imħarrkin, għaliex il-kontestazzjoni tagħhom kienet dwar id-danni b'mod ġenerali. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel, il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-attur li jitħallas dak li mill-anqas kien jirċievi kieku effettivament ma kienx irċieva l-avviż tat-tkeċċija f'Mejju tal-2001, hija waħda li hija mistħoqqa u toħroġ mis-Sentenza;
>
> Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ħlas li l-attur kien ikun irċieva u li jmissu jirċievi fis-somma ta' mija u ħamsa u tmenin elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmi (€ 185,392.39) li kienu lilu dovuti sal-aħħar tas-sena 2011;

> Illi din il-likwidazzjoni qiegħda ssir bla ħsara ta' xi ħlasijiet oħrajn li l-attur jista' jkun jistħoqqlu għaż-żmien ta' wara;"

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

55. Fir-rigward tal-argument tal-attur li l-*quantum* tad-danni għandu jiżdied, il-Qorti tirrileva illi fit-talbiet tal-appell tiegħu l-attur ma talabx li jkun hemm varjazzjoni fil-quantum tad-danni likwidat mill-Ewwel Qorti. Għalhekk m'huwiex possibbli li l-ammont likwidat jiġi miżjud minn din il-Qorti.

56. Fir-rigward tal-argument tal-konvenuti, il-Qorti tibda billi tirrileva illi d-data ta' meta l-attur bagħat ittra sabiex jiġi rreintegrat fil-korp tal-pulizija hija rrelevanti. L-ewwelnett, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru kellhom ordni ċar mill-Qorti li jerġgħu jpoġġu lill-konvenut fil-pożizzjoni li kien fiha qabel it-3 ta' Mejju 2001 u fl-istess grad li kellu fil-korp dakinhar. Għalhekk l-attur ma kellux għalfejn jibgħat xi ittra biex jitlob li jerġa' jiġi re-integrat fil-Korp tal-Pulizija, għaliex kien diġa` hemm ordni finali tal-Qorti fil-konfront tal-Kummissarju u l-Prim Ministru biex jagħmlu dan. Rinfaċċati b'tali ordni l-Kummissarju u l-Prim Ministru ma kellhomx bżonn, u anzi ma messhomx, joqogħdu jistennew xi interpellazzjoni min-naħa tal-attur sabiex iwettqu l-ordni tal-Qorti.

57. Inoltre, kif diġa` ġie osservat kemm mill-Ewwel Qorti u kemm minn dik il-Qorti, it-tħassir tad-deċiżjoni li biha ġie mkeċċi l-attur ifisser li legalment din id-deċiżjoni qatt ma ġrat u għalhekk l-esponenti legalment ma tilifx l-impjieg tiegħu mal-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt, fl-ittra tas-Segretarju Permanenti Ewlieni tal-15 ta' Ottubru 2010 ingħad li "F'dan id-dawl [b'referenza għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010] il-Kap tad-Dipartiment konċernat, ossia l-Kummissarju tal-Pulizija, iħoss li ma kienx hemm triq oħra għajr li tiġi eżegwita s-sentenza fis-sens illi l-arloġġ jerġa' jitreġġa lura għal posizzjoni li kienet fit-3 ta' Mejju 2001 f'liema posizzjoni int attwalment tinstab,…" Għalhekk, b'effett tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2001, u kif rikonoxxut mill-konvenuti fl-ittra msemmija, legalment l-attur baqa' jokkupa l-kariga tiegħu ta' Surġent fi ħdan il-Korp tal-Pulizija fit-3 ta' Mejju 2001. Fir-rigward tal-argument tal-konvenuti li l-attur kellu ntrojtu minn xi ħanut u għalhekk ma sofriex danni, il-Qorti tirrileva li l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova dwar dan u għalhekk dan l-argument mhuwiex sostenibbli. Kienet tispetta lil konvenuti l-prova li l-attur kellu xi ntrojtu ieħor fi żmien relevanti u x'kien dan l-introjtu. Pero` l-ebda prova ta' dan ma saret u għalhekk din il-Qorti ma tista' tagħmel l-ebda tnaqqis mill-ammont likwidati għal din ir-raġuni.

58. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-konvenuti li l-Ewwel Qorti kkommettiet inġustizzja għaliex erronjament illikwidat id-danni daqslikieku din kienet kawża delittwali u mhux ta' stħarriġ amministrattiv.

F'dan il-każ jirriżulta li l-likwidazzjoni tad-danni saret mill-Ewwel Qorti għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru kienu diġa` ġew dikjarati li huma responsabbli għad-danni sofferti mill-attur permezz ta' sentenza *res judicata* li ordnatilhom li jerġgħu jpoġġu lill-attur fil-pożizzjoni li kien fiha qabel ma keċċewh mill-kariga tiegħu. Minn din l-ordni għandu neċessarjament isegwi li l-attur huwa ntitolat għall-ħlas tal-paga li kienet tkun dovuta lilu matul dak iż-żmien meta huwa kien jinsab imkeċċi mill-Korp ġaladarba d-deċiżjoni tal-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2010 effettivament tfisser li t-tkeċċijia tal-attur f'Mejju 2001 qatt ma seħħet, u għalhekk huwa legalment intitolat għas-salarju dovut lilu matul dak il-perjodu.

59. Il-Qorti ma taqbilx pero` mal-Ewwel Qorti li d-danni dovuti lill-attur għandhom ikunu b'effett sal-aħħar tas-sena 2011. Jirriżulta illi l-konvenuti bdew proċeduri kontra l-attur fil-15 ta' Ottubru 2010. Għalhekk kwalunkwe tnaqqis jew nuqqas ta' ħlas tal-paga tal-attur minn dakinhar mhuwiex iktar regolat mid-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` għad-danni magħmula mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2010. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kwalunkwe danni sofferti mill-attur b'effett mill-15 ta' Ottubru 2010 b'konsegwenza tad-deċiżjoni tal-konvenuti kif notifikata lill-attur permezz tal-ittra msemmija hija kwistjoni separati li dwarha ma saret l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilta` fir-rigward tal-konvenuti. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tad-danni kellha tiġi limitata sal-15 ta' Ottubru 2010. Inoltre, il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-likwidazzjoni

tad-danni kellha ssir a bażi tal-paga li kien jipperċepixxi l-attur li kieku laħaq il-grad ta' Spettur. Mill-provi jirriżulta li għalkemm l-attur kien kważi spiċċa l-kors universitarju in kwistjoni huwa m'għamilx l-eżamijiet relattivi u għalhekk m'hemm l-ebda ċertezza illi huwa kien ser jgħaddi minn dawn l-eżamijiet. Inoltre, lanqas ma hemm ċertezza li l-attur kien ser jiġi promoss għal grad ta' Spettur kieku gradwa minn dan il-kors, peress li mill-provi jirriżulta li l-promozzjoni m'hijiex waħda awtomatika għaliex tiddependi wkoll fuq fatturi oħra. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti d-danni għandhom jiġu likwidati a bażi tal-paga li kellu jitħallas l-attur fil-grad ta' Surgent.

60. Mill-provi, u senjatament mid-dokument AM1 a *fol.* 67, jirriżulta li s-salarju bażiku tal-attur relattiv għall-grad ta' Surġent kien fl-ammont ta' €12,429.54 fis-sena. L-ebda prova ma tressqet dwar *allowances* u benefiċċji oħra li talvolta seta' kien intitolat għalihom l-attur, u għalhekk id-danni jridu tabilfors jinħadmu fuq din is-somma. Imbagħad, bejn it-3 ta' Mejju 2001 u l-15 ta' Ottubru 2010 għaddew disa' snin, ħames xhur u tlettax-il ġurnata. Għaldaqstant, id-danni dovuti lill-attur huma fis-somma ta' mija u sbatax-il elf, erba' mija u tlieta u disgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€117,493.71).

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-attur li l-appell tal-konvenuti huwa deżert;

ii. Tilqa' t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti fir-rigward tas-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011 u tirrevoka l-istess sentenza;

iii. Tilqa' limitatament l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-attur, u tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Prim Ministru limitatament għar-rigward tal-pretensjoni attriċi għad-danni bbażata fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2010, u tiċħad il-bqija tal-appell inċidentali;

iv. Tilqa' limitatament l-ewwel aggravju tal-konvenuti fir-rigward tas-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016, u tiddikjara illi s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru mhuwiex responsabbli għad-danni likwidati f'dawn il-proċeduri;

v. Tilqa' t-tieni aggravju, iżda dan għar-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti, u tirriforma l-*quantum* tal-kumpens likwidat favur l-attur fl-ammont ta' mija u sbatax-il elf, erba' mija u tlieta u disgħin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€117,493.71) u tikkundanna lil Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru jħallsu l-istess ammont, bl-imgħaxijiet legali skont kif deċiż mill-Ewwel Qorti; u

vi. tikkonferma l-bqija sentenza appellata safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti. L-ispejjeż tal-appell prinċipali jitħallsu in kwantu għal 50% mill-konvenuti u 50% mill-attur u l-ispejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu ugwalment bejn l-attur u l-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr